



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0374/2023**

23.11.2023

# RAPPORT

dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (2023/2029(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Barranin  
Kumitat għall-Iżvilupp

(Proċedura b'kumitat konġunt – Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura)

Rapporteurs: Michael Gahler, Charles Goerens, Pedro Marques, Tomas Tobé

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:  
Eider Gardiazabal Rubial, Kumitat għall-Baġits

## WERREJ

	<b>Paġna</b>
NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET .....	3
MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	8
ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM.....	23
OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS.....	24
INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	29
VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....	30

## NOTA SPJEGATTIVA – SOMMARJU TAL-FATTI U S-SEJBIET

L-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) – Ewropa Globali għandu l-għan li jappoġġja lill-pajjiżi l-aktar fil-bżonn biex jegħlbu l-isfidi tal-iżvilupp fit-tul u jilħqu l-impenji u l-oġettivi internazzjonali li l-Unjoni qablet magħhom, b'mod partikolari l-Aġenda 2030 u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Ftehim ta' Pariġi. Dan huwa l-għodda ta' finanzjament ewlenija tal-UE li tikkontribwixxi għall-qerda tal-faqar u tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli, il-prosperità, il-paċi u l-istabbiltà. B'allokazzjoni globali ta' EUR 79.5 biljun, l-NDICI-Ewropa Globali jkopri l-kooperazzjoni tal-UE mal-pajjiżi kollha mhux tal-UE għall-2021-2027 (ħlief għall-benefiċjarji ta' qabel l-adeżjoni u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej).

Sentejn mill-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2021-2027 u d-dħul fis-seħħ tal-NDICI-Ewropa Globali, f'kundest globali diffiċli kkaratterizzat, fost l-oħrajn, mill-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 u tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, dan ir-rapport għandu l-għan li jipprovdi rakkomandazzjonijiet qabel l-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu (MTE) tal-istrument Ewropa Globali, li l-Kummissjoni għandha tikkonkludi sal-aħħar tal-2024.

It-Tabella 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament tal-NDICI-Ewropa Globali mid-dħul fis-seħħ tiegħu fl-2021. Id-data hija disponibbli għall-2021 u għall-2022 (data preliminari). L-informazzjoni hija pprovduta għal kull pilastru, suddiviża skont programmi ġeografiċi u tematiċi. Informazzjoni dettaljata dwar ir-riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti għall-2021-2027 hija pprovduta f' Tabella 2 separata.

### Tabella 1 - Implimentazzjoni: is-sitwazzjoni attwali għall-2021 u għall-2022

Programmi ġeografiċi		Approprazzjonijiet ta' impenn għall-2021 (f' miljuni ta' EUR)		Approprazzjonijiet ta' pagament għall-2021 (f' miljuni ta' EUR)		Approprazzjonijiet ta' impenn għall-2022 (f' miljuni ta' EUR)		Approprazzjonijiet ta' pagament għall-2022 (f' miljuni ta' EUR)	
		Impenjati	Riportati	Imħallsa	Riportati	Impenjati	Riportati	Imħallsa	Riportati
Viċinat	Il-Viċinat tan-Nofsinar	1047.8	537.8	90	-	1694	-	542	-
	Il-Viċinat tal-Lvant	296.1	394.5	101.2	-	1121	-	910	-
	Il-kooperazzjoni territorjali u transfruntiera	3.5	84	-	-	56	-	0.4	3.1
L-Afrika sub-Saħarjana	L-Afrika tal-Punent	1689.4	-	10	-	950	-	279	-
	L-Afrika tal-Lvant u Ċentrali	1312.9	81.6	5	-	1271	-	348	-
	In-Nofsinar tal-Afrika u l-Oċean Indjan	192.7	-	-	-	1063	-	44	-
L-Asja u l-Paċifiku	Il-Lvant Nofsani u l-Asja Ċentrali	375.9	-	-	-	366	-	79	-
	In-Nofsinar u l-Lvant tal-Asja	388	-	-	-	551	-	37	-
	Il-Paċifiku	61.2	-	-	-	120	-	4	-
Il-Kontinent Amerikan u l-Karibew	Il-Kontinent Amerikan	258.1	-	-	-	272	-	30	-
	Il-Karibew	111.5	-	-	-	106	0.0	8	-
Garanzija għall-Azzjoni Esterna	EFSD+, ELM	1442.8	423.2	-	-	1347	-	490	-
<b>Programmi tematiċi</b>									
Drittijiet tal-Bniedem u Demokrazija	Osservazzjonijiet tal-Elezzjonijiet	49.9	-	8.8	6.7	26	0.0	22	-
	Drittijiet Fundamentali	150.2	-	12.9	-	266	-	69	-
Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili		200	-	-	-	358	0.1	40	-
Paċi, stabbiltà u prevenzjoni ta' kunflitti		134.1	-	8.2	-	138	-	33	-
Sfidi Globali	Nies	1611.8	-	697.2	900	409	-	-	-
	Pjaneta	66.9	-	-	-	134	-	28	-
	Prosperità	130	-	-	-	132	-	15	-
	Unjonijiet	14.8	-	-	-	58	-	10	-
<b>Rispons rapidu</b>									
Rispons għall-kriżijiet		261	-	88	-	268	0.0	257	-
Reżiljenza		530	-	-	-	634	0.3	192	-
Ħtiġijiet u prijoritajiet tal-politika barranija		13	36.2	-	-	84	0.0	18	-
Ir-riżerva tal-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti		-	-	-	-	-	-	-	-

**Tabella 2 - Riżerva għall-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti għall-2021-2027**

Ir-riżerva tal-NDICI-Ewropa Globali - ippjanar pluriennali (miljun ta' EUR)									
	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Sena (trid tiġi ddeterminata)	Total
<b>Ammonti disponibbli</b>	1408	1538	1395	1324	1249	1170	1226		9310
Żieda fil-programm tematiku dwar l-Isfidi Globali	168	163	269						600
Żieda fil-programm tematiku dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija		100	100						200
Żieda fil-programm tematiku dwar l-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili		150	50						200
COVAX	400								400
Appoġġ għat-tilqim u s-saħħa globali (tħabbira ta' SOTUE)	450								450
Appoġġ għall-organizzazzjoni tad-distribuzzjoni ta' vaċċini (mill-konċiljazzjoni tal-baġit 2022)		75							75
Inizjattiva dwar il-produzzjoni tal-vaċċini fl-Afrika (tħabbira ta' SOTUE)			134	266					400
Is-seba' rikostituzzjoni tal-GFATM							65		65
Sħubija Globali għall-Edukazzjoni			225						225
Pakkett dwar ir-refugjati Sirjani - it-Turkija	370	469	82						921
Pakkett dwar ir-refugjati Sirjani - is-Sirja, il-Ġordan, il-Libanu, l-Iraq		50	130	130					310
Migrazzjoni - l-Afrika ta' Fuq	20	30							50
Il-wegħda tal-Ukrajna 5/5/22		200							200
Il-wegħda tal-Ukrajna 8/4/22		301							301
Il-wegħda tal-Ukrajna - Irkupru rapidu - 2/3/23			305						305
L-Ukrajna - Sussidju tar-rata tal-imgħax AMF1+AMF2 sitt biljun self tal-AMF <sup>2/3</sup>			100	195	174	174	174		819
L-Ukrajna - Il-proviżjonament ta' self bi skop differenti tal-BEI 1.59 biljun <sup>2/3</sup>					322	322	322		967
Global Gateway					250	250	250		750
Programm tal-Unjoni għal konnettività sigura <sup>1</sup>					50	50	50		150
<b>Total</b>	<b>1408</b>	<b>1538</b>	<b>1395</b>	<b>591</b>	<b>797</b>	<b>797</b>	<b>797</b>	<b>65</b>	<b>7388</b>
	100%	100%	100%	45%	64%	68%	65%		79%
<b>Li jifdal</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>0</b>	<b>732</b>	<b>452</b>	<b>373</b>	<b>430</b>	<b>-65</b>	<b>1922</b>

<sup>1</sup> Ikkomunikat permezz tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva tal-proposta COM/2022/57 final - 15.2.2022

<sup>2</sup> Ikkomunikat permezz tad-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva tal-proposta COM/2022/557 final - 7.9.2022

<sup>3</sup> Stima tal-kontribuzzjoni mir-riżerva

## Inizjattivi tat-Tim Ewropa

It-Tabella 3 tipprovdi informazzjoni dwar l-Inizjattivi tat-Tim Ewropa (TEIs) madwar id-dinja. It-TEIs jgħaqqdu flimkien l-Unjoni u l-Istati Membri f'azzjoni kollettiva u koordinata. L-Istati Membri kollha qed jipparteċipaw f'TEI waħda jew aktar. It-TEIs huma s-somma ta' għadd ta' azzjonijiet/proġetti kkoordinati, iżda fil-biċċa l-kbira indipendenti, implimentati mill-membri/kontributori individwali tat-TEIs.

It-TEIs jistgħu jiġbru flimkien taħlita varjata ta' strumenti bħal għotjiet, self aġevolanti u garanziji għat-tneħħija tar-riskju mill-investimenti fis-settur privat, kif ukoll għodod

operazzjonali bħall-assistenza teknika, id-djalogu politiku u ekonomiku, il-ftehimiet kummerċjali u ta' investiment u l-istandardizzazzjoni, eċċ.

**Tabella 3 - Inizjattivi tat-Tim Ewropa (TEIs)**

Inizjattivi tat-Tim Ewropa	Pajjiż	Reġjonali	Total
L-Afrika sub-Saħarjana	70	17	87
Il-Kontinent Amerikan u l-Karibew	24	6	30
L-Asja u l-Paċifiku	17	7	24
DĠ INTPA	111	30	141
Viċinat	16	3	19
DĠ NEAR	16	3	19
Subtotal	127	33	160
Globali-Tematiku			5
<b>Total</b>			<b>165</b>

### Għajnuna Uffiċjali għall-Iżvilupp (ODA) fl-2022 (data preliminari)

Skont id-data tal-OECD tal-2022, l-isforzi tal-ODA kollettiva tat-Tim Ewropa laħqu EUR 92.8 biljun fl-2022, żieda minn EUR 71.6 biljun fl-2021. Din hija żieda ta' kważi 30 % f'termini nominali (+ EUR 21.2 biljun) u ta' kważi 24 % f'termini reali. Bħala tali, it-Tim Ewropa jibqa' d-donatur ewlieni fid-dinja, u fl-2022 ipprova 43 % tal-ODA globali. Bħala sehem mill-ING, l-ODA kollettiva tat-Tim Ewropa kienet tammonta għal 0,59 % fl-2022, żieda miż-0,49 % tal-2021, u aktar mill-medja tad-donaturi mhux tal-UE tal-Kumitat ta' Għajnuna għall-Iżvilupp (DAC) (0,28 % fl-2022).

### Assistenza tal-UE għall-Ukrajna

Fl-2022, l-assistenza bilaterali għall-Ukrajna fl-ambitu tal-NDICI-Ewropa Globali ammontat għal EUR 1.018-il biljun. Din inkludiet il-mobilizzazzjonijiet tar-riżervi li ġejjin:

- EUR 200 miljun biex jappoġġjaw lill-Gvern tal-Ukrajna fil-forniment ta' servizzi bażiċi lil persuni spostati internament.
- EUR 301 miljun biex iżidu l-appoġġ tal-UE għan-numru dejjem jikber ta' persuni spostati internament fl-Ukrajna, bħala parti mit-tħabbira tal-President tal-Kummissjoni von der Leyen fil-Konferenza tad-Donaturi "Stand up for Ukraine".

Għall-assistenza bilaterali lill-Ukrajna fl-ambitu tal-NDICI-Ewropa Globali fl-2023, il-ħidma għadha għaddeja. Ġew immobilizzati fondi ta' riżerva korrispondenti:

- EUR 305 miljun (2023), biex jikkontribwixxu għall-EUR 1 biljun ta' appoġġ tal-UE għall-irkupru rapidu tal-Ukrajna, kif imħabbar fit-2 ta' Frar 2023 mill-President tal-Kummissjoni von der Leyen matul is-Summit bejn l-UE u l-Ukrajna f'Kiev.

Barra minn hekk, il-fondi ta' riżerva li ġejjin huma mmobilizzati favur l-Ukrajna fuq perjodu

ta' diversi snin:

- EUR 819-il miljun (2023-2027), biex jikkontribwixxu għall-ħlas tas-sussidju fuq ir-rata tal-imgħax tal-assistenza makrofinanzjarja ta' EUR 6 biljun lill-Ukrajna.
- EUR 967 miljun (2025-2027), biex jikkontribwixxu għall-proviżjonament għall-iżborżi ta' EUR 1.59 biljun ta' self mill-BEI fl-ambitu tas-self tal-Mandat ta' Self Estiż lill-Ukrajna.

Minn Lulju 2023 'l hawn, il-proposta għal Faċilità għall-Ukrajna tfittex li tgħaqqad l-appoġġ kollu għall-Ukrajna fi strument uniku wieħed, li jipprovdi politika u qafas finanzjarju koordinati u b'saħħithom, li jallinjaw rikostruzzjoni sostenibbli u t-triq lejn l-adeżjoni. Din il-Faċilità se tkun soġġetta għal proċedura ta' kodeċiżjoni, bl-għan li tiġi adottata sal-aħħar tal-2023.

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

### **dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (2023/2029(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikoli 209 u 212 u l-Artikolu 322(1) tiegħu,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009<sup>1</sup>,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2022 bit-titolu “Rapport Annwali tal-2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrumenti ta' Azzjoni Esterna tal-Unjoni Ewropea fl-2021” (COM(2022)0578),
- wara li kkunsidra diversi rapporti tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar il-finanzjament estern tal-UE, b'mod partikolari r-Rapport Speċjali 14/2023 bit-titolu “Programmazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali: programmi komprensivi b'defiċjenzi fil-metodi għall-allokazzjoni tal-fondi u għall-monitoraġġ tal-impatt”, u għar-Rapport Speċjali 09/18 bit-titolu “Sħubiji Pubbliċi-Privati fl-UE: Nuqqasijiet mifruxa u benefiċċji limitati”,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni konġunta tal-Kummissjoni u tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-1 ta' Diċembru 2021 bit-titolu “Il-Portal Globali” (JOIN(2021)0030),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar it-titjib tal-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp,
- wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2022 bit-titolu “Pjan direzzjonali tal-Kummissjoni għal arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp imtejba u rapport tal-progress tal-2021” (COM(2022)0139),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2021 dwar it-tishiġ tal-impenn tat-Tim Ewropa għall-Iżvilupp tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2022 dwar sħubija mġedda tal-UE mal-Pajjiżi l-Anqas Żviluppanti,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni

---

<sup>1</sup> ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1.



tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE: analiżi ta' nofs it-terminu fl-2017 u arkitettura futura wara l-2020<sup>2</sup>,

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-17 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, l-Istrument tal-Għajnuna Umanitarja u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp<sup>3</sup>,
  - wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu adottata fl-ewwel qari tas-27 ta' Marzu 2019 dwar proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali<sup>4</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Novembru 2022 dwar il-futur tal-Arkitettura Finanzjarja Ewropea għall-Iżvilupp<sup>5</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2022 dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs)<sup>6</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar l-implimentazzjoni u t-twettiq tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli<sup>7</sup>,
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tiegħu tal-15 ta' Marzu 2023 lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà li tinkludi rendikont tal-funzjonament tas-SEAE u favur UE aktar b'saħħitha fid-dinja<sup>8</sup>,
  - wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-25 ta' Novembru 2020 dwar it-titjib tal-effikaċja tal-iżvilupp u tal-effiċjenza tal-għajnuna<sup>9</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu, kif ukoll l-Artikolu 1(1)(e) tad-deċiżjoni tal-Konferenza tal-Presidenti tat-12 ta' Diċembru 2002 dwar il-proċedura ta' awtorizzazzjoni għat-tnejn ta' rapporti fuq inizzjattiva proprja, u l-Anness 3 tagħha,
  - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp skont l-Artikolu 58 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Baġits,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A9-0374/2023),
- A. billi l-Unjoni Ewropea u s-27 Stat Membru tal-UE flimkien jibqgħu l-akbar fornitur tad-dinja ta' assistenza esterna, responsabbli għal madwar 43 % tal-għajnuna uffiċjali għall-

<sup>2</sup> ĠU C 390, 18.11.2019, p. 76.

<sup>3</sup> ĠU C 390, 18.11.2019, p. 33.

<sup>4</sup> ĠU C 108, 26.3.2021, p. 312.

<sup>5</sup> ĠU C 167, 11.5.2023, p. 57.

<sup>6</sup> ĠU C 32, 27.1.2023, p. 28.

<sup>7</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0250.

<sup>8</sup> Testi adottati, P9\_TA(2023)0077.

<sup>9</sup> ĠU C 425, 20.10.2021, p. 73.

iżvilupp (ODA) totali pprovduta mid-donaturi kollha tal-ODA tal-OECD lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi l-istrumenti ta' finanzjament estern jikkostitwixxu l-mekkaniżmu prinċipali biex tkun sostnuta l-azzjoni tal-UE fix-xena globali, u billi l-azzjoni esterna tal-UE hija dejjem aktar importanti għaċ-ċittadini Ewropej;

- B. billi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (“l-Istrument”) daħal fis-seħħ fl-14 ta' Ġunju 2021 u għaqqad għadd kbir ta' strumenti preċedenti fi strument uniku; billi l-Istrument, b'baġit globali ta' EUR 79.5 biljun, jimmarka bidla storika fil-politiki esterni u ta' żvilupp tal-UE;
- C. billi l-Kummissjoni hija responsabbli biex tidentifika, tifformula, timplimenta, timmonitorja u tevalwa l-assistenza tal-UE; billi s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) għandu r-responsabbiltà li jiżgura l-kontinwità u l-koerenza tal-politiki esterni tal-UE mal-approċċ integrat li jinkludi dan l-Istrument; billi l-Parlament huwa responsabbli mis-sorveljanza u l-iskrutinju demokratiċi u jiżvolġi r-rwol ta' koleġiżlatur fl-ambitu tal-proċedura ta' kodeċiżjoni; billi l-ħolqien tal-approċċ tat-Tim Ewropa għandu jikkontribwixxi biex jiżviluppa qafas ta' koordinazzjoni strateġika uniku għar-rispons estern tal-UE għall-isfidi ewlenin; billi dan l-approċċ jippermetti aktar kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tal-UE, l-Istati Membri u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI), filwaqt li kontinwament iżid l-effikaċja u l-viżibbiltà kollettivi tal-UE; billi l-Istrument għandu jiġi implimentat permezz ta' taħlita ta' modalitajiet, inklużi kooperazzjoni bilaterali, għotjiet lil firxa ta' sħab u qafas ta' investment;
- D. billi l-qafas ta' investment estern tal-Istrument jiġbor flimkien il-finanzjament u l-garanziji mħallta fl-ambitu tal-Garanzija għall-Azzjoni Esterna (EAG) tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus (EFSD+), li għandha tiġi implimentata mis-sħab eliġibbli f'approċċ miftuħ u kollaborattiv, bi rwol speċifiku għall-BEI; billi l-EFSD+ jespandi b'mod konsiderevoli l-pakkett finanzjarju tal-predeċessor tiegħu, l-EFSD, u se jkun jista' jiggarrantixxi operazzjonijiet sa EUR 53.4 biljun permezz tal-EAG; billi l-prinċipju “il-politika tiġi l-ewwel” irid jirriżulta f'kooperazzjoni mmexxija minn objettivi ta' politika u jiżgura li l-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp tkun allinjata f'dan ir-rigward;
- E. billi l-istrateġija Global Gateway għandha l-għan li żżid il-piż ġeopolitiku tal-UE fix-xena globali billi tagħti spinta lil rabtiet intelliġenti, nodfa u siguri fil-oqsma diġitali, tal-enerġija u tat-trasport u ssaħħa is-sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tar-riċerka madwar id-dinja, fil-qafas tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-SDGs tagħha;
- F. billi l-inugwaljanzi huma fost il-kawżi ewlenin tal-instabbiltà, l-insigurtà u l-vjolenza;
- G. billi l-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem hija pedament tal-azzjoni esterna tal-UE;
- H. billi l-iżvilupp tal-bniedem jibqa' qasam ewlieni għall-politiki esterni u ta' żvilupp tal-UE; billi l-investimenti fil-kura tas-saħħa, l-edukazzjoni, in-nutrizzjoni u l-protezzjoni soċjali huma ta' importanza assoluta biex jiġi żgurat aċċess universali għal dawn is-servizzi, li jikkostitwixxu drittijiet bażiċi tal-bniedem;
- I. billi, minħabba riżorsi limitati, l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE spiss intużaw sal-limitu tagħhom; billi, mill-adozzjoni tar-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument 'l

hawn, avvenimenti bħall-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna, li aggravaw il-kriżi globali tal-ikel, wasslu għall-kriżijiet tal-enerġija, tal-għoli tal-ħajja u tad-dejn mad-dinja kollha u ħolqu inċertezza ekonomika, u potenzjalment destabbilizzaw aktar l-Istati Membri u l-pajjiżi terzi, u l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 aggrava s-sitwazzjoni sal-punt li kienet meħtieġa evalwazzjoni bikrija ta' nofs it-terminu (MTE) tal-Istrument u rieżami ta' nofs it-terminu (MTR) tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP);

- J. billi l-pandemija tal-COVID-19 aggravat id-diskrepanza diġà sinifikanti fil-finanzjament tal-SDGs u kkawżat tnaqqis ġenerali fir-riżorsi ta' USD 700 biljun, u fl-istess ħin hija meħtieġa żieda sinifikanti bħala rispons għad-diskrepanza ta' qabel il-pandemija fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; billi 80 % tar-riżerva diġà ntużat u għandu jiġi kkunsidrat li din tiżdied; billi t-tmexxija politika u finanzjarja attwali tal-UE u l-isforzi mill-UE mhumiex biżżejjed biex jintlaħqu l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-SDGs, u l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u biex jiġu indirizzati sfidi globali akuti oħra, b'mod partikolari d-deterjorament tat-tibdil fil-klima, il-konsegwenzi tal-COVID-19 u l-kunflitti vjolenti, u għalhekk huwa meħtieġ impenn konġunt fil-livell internazzjonali biex jiġi żgurat li l-Istrument ikun jista' jindirizza dawn l-isfidi emerġenti;
- K. billi l-implimentazzjoni tal-proġetti fl-ambitu tal-Istrument għadha ma tistax tiġi evalwata bis-siġħ, peress li għadha fl-istadji bikrija tagħha; billi l-MTE mistennija fl-2024 għandha tivvaluta jekk l-Istrument jikkontribwixxix għall-prijoritajiet strateġiċi tal-UE u jippromwovix b'mod effettiv il-valuri tagħha fil-pajjiżi sħab, javvanzax id-drittijiet tal-bniedem, jikkontribwixxix għat-tnaqqis tal-faqar u l-inugwaljanzi u jippromwovix l-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżi terzi, u jekk il-finanzjament fl-ambitu tal-Istrument huwiex allokat abbażi tal-ħtiġijiet u l-istrateġiji ta' żvilupp ta' pajjiżi terzi;
- L. billi l-QEA kkonkludiet fl-2023 li kien hemm nuqqasijiet fil-metodi għall-allokazzjoni tal-fondi u l-monitoraġġ tal-impatt, u li l-kamp ta' applikazzjoni wiesa' tal-Istrument jista' jillimita l-impatt tiegħu, u li huwa meħtieġ tijib fil-mod kif tiġi allokata u mmonitorjata l-għajnuna għall-iżvilupp;
- M. billi l-Istrument għandu jintuża biex jiffirma sħubijiet aktar mill-qrib u aktar effettivi, li jagħtu riżultati tanġibbli, ma' pajjiżi terzi, ibbażati fuq interessi reċiproċi, prijoritajiet strateġiċi, kooperazzjoni strutturata u effettiva, u għanijiet fit-tul ċari; billi r-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Afrika u l-Viċinat huma ta' importanza strateġika partikolari; billi l-Istrument għandu jintuża biex tiġi żgurata tranżizzjoni ekoloġika ġusta, jiġu promossi l-valuri miżjuda lokali u jiġi rrispettat il-prinċipju "la tagħmilx ħsara sinifikanti"; billi l-effiċjenza, l-effikaċja u l-impatt tal-iżvilupp tal-Istrument huma indikaturi ewlenin għat-traċċar;
- N. billi mill-adozzjoni tal-Istrument 'l hawn, il-kompetizzjoni ġeopolitika evolviet u żdiedet; billi din tpoġġi l-Istrument f'dawl ġdid u aktar urġenti; billi l-Global Gateway huwa rispons għal din l-isfida, bl-għan li jipprovdi alternattiva vijabbli u attraenti għall-pajjiżi sħab li twassal benefiċċi dejjiema għall-komunitajiet lokali; billi hemm bżonn ta' komunikazzjoni aħjar u żieda fil-viżibbiltà tal-azzjonijiet tal-UE fil-pajjiżi sħab; billi, minkejja l-enfasi tal-Global Gateway fuq l-oġettivi ġeopolitiċi tal-UE, l-ODA tal-Istrument għandha toffri żvilupp sostenibbli fit-tul fil-pajjiżi sħab;

### ***Kunsiderazzjonijiet ġenerali***

1. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal reviżjoni tal-QFP tal-2021-2027 b'finanzjament addizzjonali għall-Intestatura 6, peress li l-iprogrammar finanzjarju attwali mhuwiex biżżejjed għall-Istrument, li huwa sottofinanzjat, u għandu jirrefletti aħjar l-ambizzjonijiet ġeopolitiċi tal-UE u l-impenji globali tagħha; jieħu nota tal-fondi addizzjonali proposti mill-Kummissjoni għall-Intestatura 6, li minnhom EUR 10.5 biljun jiġu allokati għar-rispons għad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, inklużi l-isfidi esterni, EUR 3 biljun għar-riżerva tal-“Isfidi u l-prijoritajiet emerġenti” tal-Istrument u EUR 2.5 biljun għar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza;
2. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu rieżaminati l-politiki esterni u ta' żvilupp tal-UE fid-dawl tad-diskrepanza fil-finanzjament, iż-żieda fl-inugwaljanzi bejn il-pajjiżi u ġo fihom u l-insigurtà globali tal-ikel; jirrikonoxxi l-impatt tal-bidliet ġeopolitiċi, b'mod partikolari l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-prijoritajiet il-ġodda tal-UE, l-importanza msaħħa ta' sħubijiet strateġiċi ma' pajjiżi sħab, allinjati mal-prinċipju tal-Koerenza tal-Politiki għall-Iżvilupp, u r-rwol speċifiku tal-investimenti tal-UE, li jridu jirriflettu kemm il-valuri kif ukoll l-interessi tal-UE u l-interessi tas-sħab tagħna; jisħaq ukoll fuq il-ħtieġa li dan ir-rieżami jivvaluta jekk humiex qed jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrument biex inaqqas il-faqar u l-inugwaljanzi u jippromwovi d-drittijiet tal-bniedem u l-iżvilupp sostenibbli fit-tul tal-pajjiżi sħab;
3. Jafferma mill-ġdid, fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa, l-appoġġ sod tiegħu għall-Ukrajna, fid-dimensjonijiet kollha tagħha, inklużi l-assistenza umanitarja, l-irkupru, ir-rikostruzzjoni u l-modernizzazzjoni, fid-dawl tal-gwerra ta' aggressjoni Russa li għaddejja bħalissa; jisħaq, madankollu, li dan l-appoġġ ma għandux isir għad-detriment tal-ODA, ta' sħab u ta' pajjiżi terzi oħra li huma affettwati b'mod negattiv mill-gwerra ta' aggressjoni Russa u li l-finanzjament tal-UE tagħhom ma għandux jitnaqqas; jitlob, għalhekk, li ssir evalwazzjoni bir-reqqa tar-riżorsi tal-Istrument, li għandha tivvaluta wkoll jekk humiex biżżejjed biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrument kif stabbiliti fir-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument, biex ir-riżorsi tal-Istrument jiżiedu kif xieraq, u biex jiġi żgurat li dawn ikomplu jkunu rilevanti fil-kuntest tal-isfidi ġeopolitiċi attwali, jippermettu li l-UE titqies bħala sieħeb affidabbli u jiġġieldu l-influwenza ta' setgħat globali oħra;
4. Jilqa' l-konsolidazzjoni tal-bieċa l-kbira tal-azzjoni esterna tal-UE fi Strument uniku, li jissimplifika u jarmonizza b'mod gradwali d-diversi strumenti preċedenti; huwa tal-fehma, madankollu, li għalkemm din is-simplifikazzjoni tejbet il-flessibbiltà u l-effiċjenza, ma ġietx akkumpanjata minn livelli suffiċjenti ta' obbligu ta' rendikont u trasparenza effettivi; jissottolinja f'dan ir-rigward li l-miżuri jistgħu jitqiesu effettivi biss meta dan jista' jiġi ppruvat permezz ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ċari u komparabbli; ifakkar fis-sejbiet tar-Rapport Speċjali Nru 14/2023 tal-QEA, li indika li aktar minn 20 % tal-indikaturi fil-kampjun jew ma kellhom l-ebda linja bażi jew kellhom linja bażi mhux ċara, u 24 % jew ma kellhom l-ebda mira jew kellhom miri mhux ċari, filwaqt li s-sorsi tad-data fil-programmi indikattivi pluriennali (MIPs) kienu frammentati jew neqsin; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel l-użu tal-indikaturi tal-Qafas tar-Riżultati tal-Ewropa Globali obligatorju, li għandu jkun in-norma, għal miżuri matul iċ-ċiklu ta' implimentazzjoni kollu tal-MIPs, jiġifieri l-ippjanar, l-implimentazzjoni u r-rapportar tar-riżultati, u żżid b'mod konsiderevoli l-kapaċitajiet tad-delegazzjonijiet tal-UE; jenfasizza li l-Istrument għandu jipprevedi implimentazzjoni effiċjenti, effettiva, koerenti u inklużiva, mirfuda mill-prinċipju “il-politika tiġi l-ewwel” u f'konformità mal-interessi strateġiċi u l-valuri tal-UE u l-

prijoritajiet tal-pajjiżi sħab; itenni t-talba tiegħu lill-Kummissjoni biex tippubblika, mill-anqas darbtejn fis-sena, rapport ta' progress dwar l-effikaċja tal-ġhajna, li jinkludi b'mod konsistenti indikaturi standardizzati, komprensibbli u komparabbli, li jkopru l-ippjanar konġunt, l-implimentazzjoni konġunta u l-oqfsa konġunti tar-riżultati; jitlob lill-Kummissjoni tippreżenta dan ir-rapport ta' progress lill-Parlament;

5. Jesprimi tħassib serju dwar l-eskalazzjoni tat-taqlib ġeopolitiku, it-tendenzi awtoritarji u l-attakki reċenti globalment fuq il-pedamenti tad-demokrazija u l-istat tad-dritt; jitlob lill-MTE tevalwa fil-fond il-kapaċità tal-Istrument li jilħaq l-ġhanijiet ġenerali tal-politika esterna tal-UE, u b'mod partikolari l-oġettiv li jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-multilateraliżmu u l-iżvilupp sostenibbli, u li jipproteġi, jippromwovi u jmexxi 'l quddiem id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali; jisħaq li l-azzjoni tad-demokrazija esterna tal-UE, implimentata fl-ambitu tal-Istrument, trid taġġusta għal realtà ġeopolitika ġdida kkaratterizzata minn mudelli ta' governanza li jikkompetu ma' xulxin, sabiex tipprevjeni u tirrispondi aħjar għar-rigress demokratiku; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta permezz ta' lenti kritika, u b'livell xieraq ta' granularità tal-informazzjoni, il-progress li jkun sar fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Istrument fil-programmi, il-miri ta' nfiq u l-parametri referenzjarji, filwaqt li tastjeni milli tirrepeti pożizzjonijiet ta' politika baxxi; jafferma mill-ġdid li skont it-Trattati u l-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp il-Ġdid, l-oġettiv primarju tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp għandu jkun li teqred il-faqar u trawwem ekonomija sostenibbli, bi żvilupp soċjali u ambjentali tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jisħaq li l-prinċipju "il-politika tiġi l-ewwel" għandu jkun iggwidat mill-prinċipji u l-oġettivi stabbiliti fil-Kunsens Ewropew għall-Iżvilupp, l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, il-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda ta' Azzjoni ta' Addis Ababa;
6. Jappella, b'mod partikolari, għal valutazzjoni onesta u bir-reqqa tal-użu tal-Artikolu 42(4) u l-Premessa 40 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument, li dan tal-aħħar jiddikjara li l-assistenza tista' tiġi sospiża f'każ ta' degradazzjoni fid-demokrazija, fid-drittijiet tal-bniedem jew fl-istat tad-dritt f'pajjiżi terzi; jitlob li jsiru valutazzjonijiet *ex ante* biex jiġu ddeterminati l-implikazzjonijiet u r-riskji possibbli tal-proġetti fir-rigward tad-drittijiet tal-bniedem, f'konformità mal-Artikolu 25(5) tar-Regolament; jitlob monitoraġġ tad-drittijiet tal-bniedem matul l-implimentazzjoni ta' proġetti f'pajjiżi terzi, speċjalment għal proġetti li jinvolvu riskju għoli ta' ksur; jitlob sospensjoni jew modulazzjoni ta' proġetti li jikkontribwixxu għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem f'pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tikkondividi l-valutazzjonijiet kollha relatati mad-drittijiet tal-bniedem mal-Parlament b'mod proattiv; jissottolinja l-ħtieġa li l-UE tiegħu approċċ aktar ibbażat fuq il-prinċipji fir-rigward ta' pajjiżi sħab li jmorru fid-direzzjoni opposta fir-rigward tal-valuri u l-prinċipji ċentrali; jappoġġja s-suspensjoni tal-appoġġ baġitarju bħala eżempju tajjeb f'dan ir-rigward;
7. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-finanzjament tal-assistenza għall-Ukrajna permezz tal-mobilizzazzjoni tar-riżerva tal-Istrument, pjuttost milli permezz ta' strument baġitarju xieraq, eżawrixxa l-biċċa l-kbira tar-riżerva, u dan ħalla lill-Istrument b'kapaċità limitata li jirreaġixxi għal sfidi mhux previsti; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-istabbiliment tal-Faċilità għall-Ukrajna<sup>10</sup>, li għandha tiżgura finanzjament sostenibbli fit-tul għall-Ukrajna filwaqt li tippreserva l-kapaċità tal-Istrument li jlaħħaq mal-isfidi

---

<sup>10</sup> Il-proposta tal-Kummissjoni tal-20 ta' Ġunju 2023 għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Faċilità tal-Ukrajna (COM(2023)0338),

futuri;

8. Jitlob li l-MTE tipprovdi ċarezza legali u politika fir-rigward tal-elenkar tal-Ukrajna, tar-Repubblika tal-Moldova u tal-Georgia bħala benefiċjarji fl-ambitu tal-kapitolu dwar il-viċinat tal-Istrument; jinnota li l-Ukrajna u r-Repubblika tal-Moldova saru kandidati għall-adeżjoni mal-UE filwaqt li l-Georgia hija meqjusa bħala kandidat potenzjali għas-šhubija fl-UE; jissottolinja, f'dan l-isfond, li l-Ukrajna, ir-Repubblika tal-Moldova u l-Georgia għandhom għalhekk jiġu elenkati bħala benefiċjarji bit-trasferiment baġitarju adegwat ta' pakketti finanzjarji bilaterali għar-Regolament dwar l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III)<sup>11</sup>, li għandu bażi legali u qafas ta' politika distintivi li huma separati mill-Istrument u l-Politika Ewropea tal-Viċinat, li jnaqqas il-persjoni fuq l-Istrument, jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal faċilità ġdida u ddedikata għall-Ukrajna li tiġbor flimkien l-appoġġ futur fi strument uniku separat taħt l-Intestatura 6 tal-QFP sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet immedjati, iżda jisħaq fuq l-importanza li jintuża strument fit-tul;
9. Jitlob li l-MTE tivvaluta, b'mod partikolari, il-punt sa fejn il-finanzjament wassal għal riżultati tanġibbli fl-Afrika, f'konformità mal-oġġettivi tal-Istrument, l-Istrateġija UE-Afrika u l-eżiti tas-6 Summit Unjoni Afrikana-UE fl-2022 u l-prijoritajiet stabbiliti fiha, u teżamina jekk hemmx bżonn ta' rieżami tal-prijoritajiet u tal-oġġettivi; jisħaq li l-analiżi tar-riżultati tanġibbli tal-assistenza pprovduta, abbażi ta' indikaturi ċari, hija partikolarment importanti biex tiġi vvalutata b'mod adegwat l-effikaċja tal-użu tal-fondi; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel użu aħjar mill-possibbiltà li tikkombina pakketti ġeografiċi għall-benefiċċju tal-programmi Pan-Afrikani, kif previst fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument, b'appoġġ għall-impjenji UE-Unjoni Afrikana; jissottolinja l-ħtieġa li l-UE tkompli tappoġġja b'mod attiv iż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Kontinentali Afrikana l-ġdida, inkluż permezz ta' dan l-Istrument, tibni fuq l-esperjenza tagħha nnifisha biex tiżviluppa s-Suq Uniku Ewropew, sabiex tixpruna l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli, tagħti spinta lill-ħolqien tal-impjiegi, tnaqqas il-faqar u żżid il-prosperità kondiviża fl-Afrika; jisħaq fuq il-ħtieġa li l-pajjiżi šhab Afrikani jiġu appoġġjati billi jiġi sfruttat il-potenzjal kbir mhux sfruttat tal-enerġija rinnovabbli tal-kontinent, u jitħaffef il-progress fl-SDG 7 fl-Afrika, li mhux biss se jagħti spinta lit-tkabbir ekonomiku, lill-ħolqien tal-impjiegi u lill-iżvilupp soċjali, iżda se jżid ukoll b'mod sinifikanti s-sehem globali tal-enerġija rinnovabbli;
10. Jafferma mill-ġdid b'mod qawwi l-impenn stabbilit fl-Istrument li jeqred il-faqar, jiġġieled kontra t-tibdil fil-klima, jiġġieled kontra l-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni u jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tal-bniedem; ifakkar fl-impenn meħud mill-UE u l-Istati Membri biex iżidu l-ODA għal 0,7 % tal-prodott domestiku gross sal-2030, inkluż li jikkontribwixxu mill-anqas 20 % tal-ODA ffinanzjata fl-ambitu tal-Istrument għall-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp tal-bniedem, bħas-saħħa, l-educazzjoni, in-nutrizzjoni u l-protezzjoni soċjali, u jipprovdu 0,2 % tal-introjt nazzjonali gross tal-UE għall-ODA għall-pajjiżi l-anqas żviluppatti; jissottolinja li l-EFSD+ għandu jkollu l-għan li jappoġġja l-investimenti bħala mezz biex jikkontribwixxi għall-kisba tal-SDGs; jenfasizza l-importanza li jiġi adottat approċċ olistiku għas-sigurtà tal-bniedem, bħala paradigma ta' gwida ġdida; jitlob, fil-kuntest tal-proċess ta' programmazzjoni li jmiss, li l-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar il-Ġeneru III jiġi implimentat bis-šhih, b'impenn qawwi

---

<sup>11</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1529 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Settembru 2021 li jistabbilixxi l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III) (ĠU L 330, 20.9.2021, p. 1).

għall-perspettiva u l-integrazzjoni tal-ġeneru, u li l-Istrateġija tal-UE għas-Saħħa Globali u l-Pjan ta' Azzjoni għaż-Żgħażaġħ isiru operattivi fl-azzjoni esterna tal-UE; jissottolinja l-hteġa li jissaħħu l-isforzi tal-UE biex tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem fl-azzjoni esterna tagħha, fid-dawl tar-rieżami ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazija; jenfasizza l-importanza li tittieħed pożizzjoni b'saħħitha kontra l-korruzzjoni fl-isforzi kollha tal-UE għall-iżvilupp u jappoġġja l-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Mejju 2023 dwar il-korruzzjoni bħala ostaklu għall-iżvilupp;

11. Jisħaq li l-investimenti fl-iżvilupp tal-bniedem huma kruċjali għall-ġlieda kontra l-inugwaljanzi u għall-edukazzjoni, inkluż it-taħriġ vokazzjonali, u għandhom jibqgħu prijorità ċara fil-proċess ta' programmazzjoni li jmiss, peress li jippermettu lill-pajjiżi sħab li qed jiżviluppaw jisfruttaw il-potenzjal tal-kapital uman taż-żgħażaġh tagħhom u jagħtu spinta lill-iżvilupp uman, it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi fil-pajjiżi tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi indikatur tal-politika tat-tfal li jibni fuq il-metodoloġija eżistenti żviluppata fl-oqsma tal-ġeneru, il-klima, il-migrazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, sabiex l-istituzzjonijiet u s-sħab tal-UE jkunu jistgħu jkejlu u jimmonitorjaw l-investimenti fit-tfal; jisħaq li t-traċċar u l-monitoraġġ tal-investment tal-UE fit-tfal huma fundamentali sabiex jintwerew il-valur miżjud u l-effikaċja tal-UE; jissottolinja li l-COVID-19 kienet sejħa ta' twissija għal pajjiżi b'introjtu baxx u medju, u wera l-hteġa li jaċċelleraw il-progress lejn il-bini ta' sistemi tas-saħħa universali u ffinanzjati pubblikament; jitlob li l-ipprogrammar tal-Istrument jipprijoritizza l-għotjiet u l-promozzjoni tas-settur pubbliku fil-qasam tas-saħħa sabiex jiġi żgurat li l-għajnuna għall-iżvilupp tilħaq lin-nies l-ewwel; jisħaq fuq l-importanza li jitkompla l-impenn ta' baġit suffiċjenti biex jitjiebu l-eżiti soċjali u jiġu indirizzati l-kwistjonijiet sistemiċi;
12. Jesprimi tħassib dwar l-istat tad-drittijiet tal-LGBTIQ+ madwar id-dinja, kif ukoll ir-reazzjoni negattiva ġenerali kontra d-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u s-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jindirizzaw l-intopp biex jiġu rikonnoxxuti u protetti dawn id-drittijiet; jissottolinja, f'dan ir-rigward, il-hteġa li tingħata prijorità lill-appoġġ immirat lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (OSC) u lill-komunitajiet li jippromwovu r-rispett għas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati, id-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-komunità LGBTIQ+ u popolazzjonijiet emarġinati oħra, inklużi miżuri msaħħa biex tiġi dekriminalizzata l-omosesswalità; ifakkar li mill-inqas 85 % tal-azzjonijiet ġodda implimentati fl-ambitu tal-Istrument għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala objettiv prinċipali jew sinifikanti u mill-inqas 5 % ta' dawk l-azzjonijiet għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u d-drittijiet u t-tiħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u tal-bniet bħala l-objettiv prinċipali;
13. Jisħaq fuq l-importanza li jintlaħqu l-miri tal-infiq u dawk relatati mal-programmi kollha tal-Istrument u jitlob informazzjoni dettaljata dwar il-progress li sar f'dan ir-rigward; jiddispaċiħ dwar id-defiċits sostanzjali biex tintlaħaq il-mira klimatika ta' 30 % tal-Istrument, biex jingħata kontribut għall-mira tal-biodiversità ta' 10 % fl-ambitu tal-QFP għall-2026 u l-2027 u biex jiġi żgurat li l-impenni finanzjarji globali tal-UE skont il-qafas tan-NU jiġu ssodisfati, b'mod partikolari fir-rigward tal-kontribuzzjoni għall-Fond għat-Telf u l-Ħsara; ifakkar li t-tibdil fil-klima se jpoġġi dejjem aktar pressjoni fuq il-produzzjoni tal-ikel u l-aċċess għalih, speċjalment f'reġjuni vulnerabbli, u dan jimmina s-sigurtà tal-ikel u n-nutrizzjoni; ifakkar ukoll li l-biodiversità hija fattur kruċjali fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u li t-telf tal-

bijodiversità u tas-servizzi tal-ekosistema se jimmina l-progress fuq madwar 80 % tal-miri vvalutati għall-SDGs; jappella għal pjan dettaljat li jiddeskrivi kif il-Kummissjoni beħsiebha tilħaq il-miri tal-infiq u tal-ġeneru sa tmiem il-QFP;

14. Jafferma mill-ġdid l-impenn deskritt fl-Istrument biex jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni irregolari u l-ispostament furzat; huwa tal-fehma li, mingħajr preġudizzju għal ċirkostanzi mhux previsti, l-impenn fl-Istrument li jiddedika perċentwal indikattiv ta' 10 % mill-pakkett finanzjarju tal-Istrument għal azzjonijiet li jappoġġjaw il-ġestjoni u l-governanza tal-migrazzjoni u l-ispostament furzat fl-oġġettivi tal-Istrument għandu jiġi rispettati u li din il-klawżola ma għandhiex terġa' tinfetħ; jinnota, madankollu, li 14 % tal-fondi impenjati fl-2021 ikkontribwew għall-mira tal-infiq fuq il-migrazzjoni; jistenna li jirċievi aġġornamenti sostanzjali regolari dwar is-sitwazzjoni attwali;
15. Jiddispijaċih dwar il-fatt li l-użu attwali tal-pilastru tar-rispons rapidu ma jikkontribwixxix b'mod viżibbli u effettiv għall-promozzjoni tal-interessi tal-UE fid-dinja; għalhekk, jitlob li jerġa' jiġi kkunsidrat l-istabbiliment mill-ġdid ta' appoġġ relatat mal-programmi għall-oġġettivi tal-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE matul l-MTE tal-2024;

### ***L-iżgurar tar-riżorsi meħtieġa u l-mobilizzazzjoni tal-investimenti***

16. Jisħaq li l-MTR tal-2024 tal-QFP ma għandu, fl-ebda ċirkostanza, jirriżulta fit-tnaqqis jew fir-riallokazzjoni tal-fondi tal-Istrument bejn il-programmi tematiċi u ġeografiċi fit-tul iddedikati għall-iżvilupp sostenibbli; jinsab imħasseb li l-Istrument ilu mhux iffinanzjat biżżejjed mill-bidu tal-QFP 2021-2027 u li l-fokus ġeografiku tiegħu kien ta' detriment għal linji ta' finanzjament tematiċi importanti, bħall-qasam ta' prijorità "Nies" tal-linja baġitarja tal-Isfidi Globali, li kien taħt pressjoni saħansitra akbar minħabba l-COVID-19, li fiit li xejn ħalla lok għal manuvrar biex jiġu onorati bis-sħiħ l-impenji tal-UE li tappoġġja inizjattivi multilaterali tas-saħħa fis-snin li ġejjin; jissottolinja li n-nuqqas ta' fondi joħloq distakk perikoluż bejn l-ambizzjoni tal-UE u l-kapaċità tagħha li twettaq dak li tkun wiegħdet; ifakkar li finanzjament insuffiċjenti se joħloq ukoll kompetizzjoni dannuża bejn il-ħtiġijiet fuq terminu qasir u l-investimenti fit-tul, u bejn is-setturi ewlenin tal-iżvilupp, u fl-aħħar mill-aħħar dan ixekkel l-effikaċja tal-għajjnuna tal-UE u l-kontribut tagħha għall-kisba tal-Aġenda 2030; jissottolinja r-rwol fundamentali tal-Istrument, tal-EFSD+ u tal-EAG fl-għoti ta' qafas strateġiku għall-finanzjament imħallat, għall-investimenti u l-garanziji tat-tneħħija tar-riskji u fil-mobilizzazzjoni tar-riżorsi mis-settur privat bis-sostenn tal-baġit tal-UE, b'mod partikolari fid-dawl tal-kompetizzjoni ġeopolitika u ekonomika li qed tiżdied; jisħaq li l-proġetti ta' finanzjament imħallat u s-sħubijiet effettivi mas-settur privat fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw iridu jiffukaw fuq il-massimizzazzjoni tal-eżiti tal-iżvilupp u jkunu konsistenti mal-SDGs, il-Ftehim ta' Pariġi u l-prijoritajiet ta' żvilupp nazzjonali; ifakkar li s-settur privat huwa żieda, pjuttost milli sostituzzjoni, għall-investimenti pubbliċi, b'mod partikolari fis-servizzi kritiċi, bħas-saħħa, l-edukazzjoni u l-protezzjoni soċjali, li jipprovdut prospetti kruċjali fit-tul biex jingħeleb il-faqar; jitlob li l-EFSD+ ma jiffinanzjax investimenti li għandhom impatt negattiv fuq il-kisba tal-SDGs, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima; jitlob li l-baġit fit-tul jiġi adattat biex jiġu protetti l-impatt pożittiv, l-influwenza u l-kredibbiltà tal-UE fix-xena globali;



17. Jirrikonoxxi r-rwol speċifiku tal-investimenti tal-UE, li jridu jirriflettu l-interessi strateġiċi u l-oġġettivi tal-iżvilupp kemm tal-UE kif ukoll tal-pajjiżi sħab tagħna, kif ukoll il-valuri tal-UE, u jissottolinja r-rwol importanti li għandhom il-garanziji baġitarji fl-eżekuzzjoni tagħhom skont il-prinċipju “il-politika tiġi l-ewwel”; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li l-garanziji jikkontrobilanċjaw ir-riskju involut fil-pajjiżi bl-akbar riskju għall-investment sabiex l-investment rilevanti jiġi dirett lejhom ukoll; jisħaq li l-UE għandha tmexxi bl-eżempju f’dan ir-rigward, fid-dawl tad-dibattitu li għaddej dwar ir-riforma tal-banek multilaterali tal-iżvilupp;
18. Jinnota r-rwol speċifiku tal-BEI fl-arkitettura finanzjarja Ewropea għall-iżvilupp, kif stabbilit fl-Artikolu 209 tat-TFUE u fl-Artikolu 36 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument, u jirrikonoxxi l-potenzjal tal-BEI li jimmobilizza finanzjament addizzjonali li jikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Istrument; jilqa’ l-ħolqien tal-BEI Globali, li ilu jopera mill-1 ta’ Jannar 2022 u li għandu l-għan li jżid il-preżenza u l-għarfien espert tal-bank fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw; jinnota li, minn mindu twaqqfet il-fergħa l-għdida għall-iżvilupp, il-BEI Globali għamel użu rekord mit-tieqa għall-investment iddedikata li pprova l-Istrument, u din forniet aktar minn EUR 10 biljun fl-2022, notevolment b’appoġġ għall-Ukrajna u l-Global Gateway; ifakkar fl-importanza tal-baġit tal-UE bħala l-uniku garanti biex l-attività tal-BEI toffri self barra mill-UE b’appoġġ għall-politiki tal-UE; jappella għal żieda fil-garanziji mogħtija lill-BEI mill-baġit tal-UE sabiex il-BEI jkun jista’ jkompli joffri operazzjonijiet vitali fis-settur pubbliku u privat fl-Ukrajna u jwessa’ l-attivitajiet tiegħu fin-Nofsinar Globali; jistieden lill-BEI juża l-pożizzjoni tiegħu biex jimmobilizza l-investimenti għall-iżvilupp sostenibbli f’konformità mal-iskop u l-kriterji stabbiliti mill-EFSD+; jenfasizza r-rwol importanti tal-BEI fis-sħubija mal-Kummissjoni biex iwassal EUR 100 biljun mill-impenn ta’ EUR 300 biljun fl-ambitu tal-istrateġija Global Gateway; jistieden lill-BEI jagħti prijorità lil aġenda għall-iżvilupp sostenibbli; jistieden lill-BEI jieħu riskju akbar fil-finanzjament ta’ proġetti b’redditi soċjali għoljin; jistieden lill-BEI jkompli jsaħħaħ il-preżenza tiegħu fil-qasam billi jibni fuq l-approċċ attwali ta’ kolokazzjoni fid-delegazzjonijiet tal-UE, filwaqt li jisfrutta aktar is-sinerġiji possibbli mal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) u ma’ istituzzjonijiet tal-finanzi għall-iżvilupp (DFIs) Ewropej oħra; jinkoraġġixxi lill-BEI jkompli jinvolvi ruħu b’mod attiv biex jiżviluppa l-ippjanar, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni fil-livell tal-pajjiżi, id f’id mad-delegazzjonijiet tal-UE u permezz ta’ kofinanzjament mad-DFIs; jappella għal koordinazzjoni aktar b’saħħitha bejn il-Kummissjoni u s-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-UE biex jiġu ffaċilitati d-diskussjonijiet u l-kooperazzjoni mal-atturi rilevanti fuq il-post sabiex jiġu identifikati l-proġetti li jissodisfaw bl-aħjar mod l-oġġettivi tal-effikaċja tal-iżvilupp;
19. Jilqa’ l-“arkitettura miftuħa” tal-EFSD+, li għet stabbilita biex tappoġġja l-investimenti tas-settur privat, u jistieden lill-Kummissjoni, lill-BEI, lill-BERŻ, lill-Istati Membri u lid-DFIs jużaw bis-sħiħ l-għażliet ipprovduti mill-EAG u t-twieqi għall-investment rilevanti biex jipromwovu investimenti sostenibbli fis-settur privat; jissottolinja l-ħtieġa li jiġi sfruttat il-finanzjament tas-settur privat, b’enfasi partikolari fuq l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju, u jappella għal aktar sforzi biex jiġu indirizzati l-konġestjonijiet u l-ostakli għall-investment; barra minn hekk, jirrikonoxxi r-rwol importanti tas-settur privat biex, fejn possibbli, jiġġenera investimenti ġodda, impjiegi u finanzjament għall-iżvilupp; ifakkar fis-setgħa ta’ skrutinju tal-Parlament u fil-ħtieġa ta’ trasparenza fl-implimentazzjoni tal-EFSD+.

## *Approċċ strateġiku*

20. Jilqa' l-approċċ tat-Tim Ewropa u l-għan tiegħu li jżid il-koerenza, l-impatt u l-viżibbiltà tal-proġetti ta' żvilupp tal-UE, u jitlob għal aktar azzjonijiet konġunti mal-Istati Membri, b'mod partikolari Inizjattivi tat-Tim Ewropa (TEIs); ifakkar fl-osservazzjoni tal-QEA li l-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri individwali għat-TEIs mhumiex indikati fl-MIPs, u dan jikkawża inċertezza rigward l-appoġġ finanzjarju tal-Istati Membri, li jikkontribwixxi biex il-ġejjieni tat-TEIs bħala inizjattiva kollettiva ma jkunx ċar; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrieżaminaw l-effettività tal-approċċ u jinformat lill-Parlament bis-sejbiet tagħhom; jistieden lill-Kummissjoni tiċċara r-rwoli fl-approċċ tat-Tim Ewropa u tipproponi mekkaniżmu li jżid it-trasparenza u l-iskrutinju demokratiku tal-inizjattivi; jappella wkoll għal azzjoni konġunta mill-UE u l-Istati Membri biex iżidu l-effikaċja u jimmassimizzaw ir-riżorsi; ihegġegħ lill-Istati Membri, lid-DFIs, lill-BEI u lill-BERŻ jizvolgħ rwol aktar attiv fit-Tim Ewropa b'impnġi finanzjarji u azzjonijiet konġunti, immexxija mill-Kummissjoni;
21. Jilqa' l-istrateġija Global Gateway bħala rispons miftiehem tal-UE għall-isfidi globali; huwa tal-opinjoni li f'perjodi ta' sfidi ġeostrateġiċi ġodda, il-politika barranija u ta' sigurtà tal-UE u l-atturi tal-kooperazzjoni għall-iżvilupp iridu jikkoordinaw aħjar sabiex iżidu l-preżenza u l-viżibbiltà tal-UE madwar id-dinja permezz ta' investment fl-infrastruttura li joħloq valur nazzjonali fil-pajjiżi sħab, f'konformità mal-SDGs; ifakkar li l-Global Gateway għandu jinftehem bħala kunċett strateġiku li fih jiġu integrati l-politika barranija, dik ekonomika u dik tal-iżvilupp; jisħaq li huma meħtieġa investimenti kbar kemm fl-infrastruttura materjali kif ukoll f'dik immaterjali fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, minn networks diġitali, tat-trasport u tal-enerġija sa sistemi tas-saħħa, tal-edukazzjoni u tal-ikel; jesprimi dispjaċir, madankollu, għan-nuqqas ta' trasparenza u ta' qafas regolatorju għall-governanza u għall-implimentazzjoni tal-istrateġija fl-oġġettivi u fil-prijoritajiet tal-Istrument; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' involviment u skrutinju parlamentari adegwati, kif ukoll konsultazzjoni mas-settur tan-negozju u l-OSĊ permezz ta' qafas ta' governanza ħafif li malajr jagħti spinta lill-investment u lill-viżibbiltà tal-UE fil-pajjiżi sħab fil-kuntest ġeopolitiku kumpless; jistieden lill-Kummissjoni taġġorna l-komunikazzjoni konġunta dwar il-Global Gateway biex tiċċara l-qafas ta' governanza, inkluż ir-rwol ta' skrutinju tal-Parlament, u tipprovdi definizzjoni ċara ta' x'inhu proġett Global Gateway u x'jiddistingwi proġetti bħal dawn minn proġetti oħra ta' investment; jitlob ċarezza dwar kif japplikaw ir-regolament finanzjarju tal-UE u r-regoli tal-akkwist pubbliku; jitlob li tiġi implimentata l-istrateġija b'mod aktar mgħaġġel fid-dawl tal-isfidi globali eżistenti u emerġenti;
22. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza dwar il-finanzjament għall-istrateġija Global Gateway u jfakkar li tali inizjattivi ġodda għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda u tar-reviżjoni 'l fuq tal-limitu massimu tal-Intestatura 6; jistieden lill-Kummissjoni tinvolvi lill-OSĊ b'mod aktar sistematiku fil-proġetti tal-Global Gateway u fit-TEIs u tikkunsidra li tinvolvi b'mod attiv lill-OSĊ lokali fl-iprogrammar għal kull pajjiż;
23. Jissottolinja l-importanza li jintużaw b'mod aktar effiċjenti s-sinerġiji u li jiġu armonizzati aħjar l-inizjattivi ta' finanzjament li l-BEI, il-BERŻ u DFIs oħra jwettqu, u li jiġu mmirati l-pajjiżi tal-viċinat Ewropej, b'importanza partikolari mogħtija lill-pajjiżi kandidati tal-UE;

## *Skrutinju Parlamentari*

24. Ifakkar fis-setgħat ta' kontroll politiku u baġitarju u ta' konsultazzjoni tal-Parlament u jisħaq fuq ir-rwol tad-djalogu ġeopolitiku ta' livell għoli fl-għoti ta' orjentazzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Istrument; jisħaq fuq l-importanza li jkun hemm informazzjoni dettaljata dwar il-baġit li ġie eżegwit jew li se jiġi eżegwit; jissottolinja li l-Parlament jeħtieġ aċċess sħiħ u f'waqtu tad-dokumenti u jeħtieġ li jkun jista' jimmonitorja l-impatt tal-proġetti u l-progress li jkun sar dwarhom sabiex ikun jista' jevalwa l-kamp ta' applikazzjoni u l-impatt tagħhom, u huwa għalhekk li jeħtieġ aċċess sħiħ għal indikaturi ta' linja bażi u ta' mira standardizzati, kif ukoll sorsi ta' data; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi fluss ta' informazzjoni interistituzzjonali konsistenti, bil-Parlament li jinżamm infurmat dwar proġetti ta' investment, inklużi proġetti Global Gateway, u tagħmel il-Qafas ta' Ġestjoni tar-Riżultati kompletament disponibbli; itenni li l-pożizzjonijiet tal-Parlament jeħtieġ li jitqiesu bis-sħiħ; itenni wkoll li r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament jikkostitwixxu parti mill-qafas ta' politika ġenerali għall-implimentazzjoni tal-Istrument; ihegġegħ lill-Kummissjoni ttejjeb b'mod sinifikanti l-għoti f'waqtu tad-dokumentazzjoni lill-Parlament qabel id-djalogu ġeopolitiku ta' livell għoli, kif ukoll il-mod li bih tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Parlament, b'mod partikolari billi tinvolvi ruħha fi proċedura bil-miktub wara kull djalogu li jindika s-segwitu għal kull rakkomandazzjoni speċifika tal-Parlament;
25. Jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta r-reviżjoni tal-QFP biex tipperfezzjona n-nomenklatura tal-Istrument billi tinkludi aktar linji baġitarji sabiex tippermetti lill-awtorità baġitarja teżerċita s-setgħat ta' skrutinju tagħha, partikolarment fir-rigward tal-linji baġitarji relatati mal-viċinat, sabiex tissaħħaħ it-trasparenza bl-għan li tinkiseb politika mmexxija mid-data, li tista' tiġi awditjata fir-rigward tal-obiettivi tagħha u biex jiġi rifless aħjar l-approċċ strateġiku u jittejjeb l-ipprogrammar fit-tul; jirrimarka li s-sovrapożizzjoni bejn l-istrumenti finanzjarji, pereżempju fil-kuntest tal-garanziji, tagħmel l-iskrutinju diffiċli; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi, wara konsultazzjonijiet mal-Parlament, ħarsa ġenerali li tinftiehem, ċara u kompluta f'dokument wieħed dwar l-istrumenti finanzjarji, ir-relazzjonijiet tagħhom ma' xulxin u mal-atturi differenti involuti, kif ukoll ħarsa ġenerali kompluta u preċiża dwar l-għotjiet u l-garanziji u kif dawn huma koperti; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-awtorità baġitarja b'aġġornamenti trimestrali, inkluż dwar l-użu u l-ammonti ta' garanziji baġitarji, flimkien mal-proviżjonament stmat u l-previżjonijiet futuri, kif ukoll is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-miri tal-infiq u dawk relatati mal-programmi;
26. Jisħaq fuq l-importanza tal-proċess ta' programmazzjoni, filwaqt li jissottolinja r-rwol kruċjali tas-SEAE u tad-delegazzjonijiet tal-UE f'dan ir-rigward, kif ukoll biex tiġi żgurata l-inklużjoni xierqa tal-pajjiżi sħab u atturi oħra tal-iżvilupp matul il-proċess, inkluż billi jitrawmu konsultazzjoni mill-qrib u trasparenti mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u assoċjazzjoni magħhom, sabiex jiġu identifikati l-prijoritajiet komuni u tittejjeb is-sjieda tal-pajjiżi sħab; jissottolinja l-importanza li jiġi ggarantit approċċ effettiv ibbażat fuq il-ħtiġijiet u ffukat fuq in-nies fl-azzjoni esterna tal-UE u jenfasizza r-rwol essenzjali li s-sħab lokali u s-soċjetà ċivili għandu jkollhom fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programmi; jisħaq fuq l-importanza tal-OSC u, fejn rilevanti, tas-settur privat, fl-implimentazzjoni tal-Istrument, b'mod partikolari fil-proċess ta' programmazzjoni; jafferma mill-ġdid il-ħtieġa li jiżdied l-appoġġ għas-soċjetà ċivili madwar id-dinja;

27. Jesprimi dispjaċir għall-proċess ta' programmazzjoni mgħaġġel li sar fit-tieni nofs tal-2021, li jipprevjeni skrutinju adegwat mill-Parlament; jinnota bi tħassib is-sejbiet tar-Rapport Speċjali 14/2023 tal-QEA, li kkonkluda li l-proċess ta' programmazzjoni jista' jitjieb; jistenna li l-Kummissjoni u s-SEAE jaġixxu fuq ir-rakkomandazzjoni magħmula mill-QEA u jqisu t-tagħlimiet fl-eżerċizzju ta' programmazzjoni li jmiss; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura eżerċizzju ta' programmazzjoni aktar prevedibbli u trasparenti, tiżviluppa metodoloġija standardizzata, komparabbli u trasparenti għall-allokazzjoni tal-fondi lill-pajjiżi tal-viċinat, tiżgura applikazzjoni rigoruża għall-pajjiżi mhux tal-viċinat u tiċċara l-metodoloġija għall-valutazzjoni tal-impatt tal-appoġġ tal-UE u tiżgura r-rilevanza tiegħu f'kuntest ġeopolitiku li qed jinbidel;
28. Jilqa' l-istrumenti ta' assistenza makrofinanzjarja (AMF) reċenti adottati biex jagħtu appoġġ lil diversi pajjiżi, b'mod partikolari lill-Ukrajna, ħalli tiffaċċja l-konsegwenzi tal-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' informazzjoni mogħtija lill-awtoritajiet baġitarji dwar il-ġestjoni tal-finanzjament tal-kostijiet tal-imgħax tal-AMF; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-finanzjament attwali tal-kostijiet tal-imgħax tal-AMF, permezz tal-mobilizzazzjoni tar-riżerva tal-“Isfidi u l-prijoritajiet emerġenti” tal-Istrument, pjuttost milli permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda, jirriskja li jeżawrixi l-biċċa l-kbira tar-riżerva, jekk mhux kollha, għall-perjodu li jifdal, filwaqt li jħalli lill-Istrument mingħajr il-kapaċità li jirreaġixxi għal sfidi mhux previsti; jissottolinja, għalhekk, il-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet ta' finanzjament sostenibbli fit-tul, filwaqt li tiġi ppreservata l-kapaċità li jlaħħaq mal-isfidi futuri;
29. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-Kummissjoni mhux dejjem tavża lill-Parlament qabel ma tiġi mmobilizzata r-riżerva u jiddeplora l-prattika li jintbagħtu ittri li jaslu wara l-mobilizzazzjoni, li effettivament iddghajef id-dritt ta' skrutinju tal-Parlament u timpedixxi lill-Kummissjoni milli tqis bis-siġħ l-osservazzjonijiet tal-Parlament dwar in-natura u l-oġettivi tal-mobilizzazzjoni u l-ammonti finanzjarji previsti; jistieden lill-Kummissjoni biex dejjem tinforma fid-dettall lill-Parlament qabel ma jiġu mmobilizzati l-fondi ta' riżerva u biex tqis l-osservazzjonijiet tiegħu, f'konformità mal-Premessa 71 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument;
30. Jiddispjaċih dwar il-fatt li l-użu min-naħa tal-Kummissjoni tar-riżerva ma jirrispettax l-ispirtu tal-Artikolu 17 tar-Regolament li jistabbilixxi l-Istrument, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament tal-inizjattivi leġiżlattivi l-ġodda; jinsab imħasseb li diġà ġie allokat 80 % tal-finanzjament disponibbli fir-riżerva tal-Istrument għall-2021-2027, u għad fadal biss EUR 1.9 biljun (21 %) għall-perjodu sal-2027; jiddispjaċih għall-fatt li 60 % tal-fondi li fadal għar-riżerva ġew allokati minn qabel mingħajr ma tqiesu l-bżonnijiet futuri antiċipati, bħall-pakkett tar-rifuġjati Sirjani;
31. Ifakkar li involviment akbar tal-Parlament fl-istadji kollha tal-governanza u l-implimentazzjoni tal-Istrument kien kundizzjoni biex jiġi aċċettat li l-istrumenti ta' finanzjament estern preċedenti jingħaqdu taħt l-Istrument (kif stabbilit fir-risoluzzjoni tal-Parlament tat-18 ta' April 2018 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE: rieżami ta' nofs it-terminu tal-2017 u l-arkitettura ta' wara l-2020 u fil-mandat ta' negozjar tal-Parlament għall-2019 għall-Istrument); ifakkar li l-Istrument joffri l-possibbiltà li jsiru emendi leġiżlattivi għar-regolamenti dwar l-Istrument u l-IPA III, u jissuġġerixxi valutazzjoni fid-dettall tar-rwol tal-Parlament fl-għoti ta' direzzjoni u skrutinju strateġiċi jew fir-rigward tal-involviment insuffiċjenti tal-Parlament fis-sospensjoni tal-għajjuna jew l-użu tar-riżerva, kif ukoll il-laqgħat

regolari tal-kumitat għall-Istrument, li għandhom potenzjal mhux sfruttat;

32. Jistenna li l-Parlament ikun involut bis-sħiħ fl-eżerċizzju ta' programmazzjoni għat-tieni nofs tal-QFP u għall-MIPs għall-2025-2027;
33. Iqis li l-arranġamenti attwali għar-rapportar dwar x'qed tagħmel l-UE fi kwalunkwe pajjiż, reġjun jew żona tematika partikolari mhumiex biżżejjed u huma legalistiċi żżejjed; jappella għal titjib prammatur u mgħaġġel fir-rigward tal-aġġornament ta' data utli u li l-Parlament jingħata, b'mod flessibbli u f'waqtu, eżempji tal-aħjar prattiki għall-implimentazzjoni, u jiġu applikati regoli xierqa ta' kunfidenzjalità fejn meħtieġ; iqis li l-bażi tad-data tal-proġetti pubbliċi mhijiex faċli għall-utent u ma tgħinx fl-għoti ta' informazzjoni aġġornata; jissottolinja li l-proġetti ta' investiment tal-UE għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni, monitoraġġ u rapportar, sabiex tiġi determinata l-effettività tagħhom u jiġu evitati impatti negattivi mhux intenzjonati;
34. Jistieden lill-Kummissjoni biex, flimkien mal-BEI, il-BERŻ u DFIs Ewropej oħra, tiżviluppa proċeduri standardizzati, inklużi evalwazzjonijiet *ex ante* u *ex post* u l-applikazzjoni tal-Qafas ta' Ġestjoni tar-Riżultati tal-Kummissjoni; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippubblika dan il-Qafas u tiżgura li d-DFIs li jużaw l-indikaturi tagħhom stess jiddefinuhom b'mod ċar u jispjegaw l-applikazzjoni u l-komparabbiltà tagħhom mal-Qafas; jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-istandards ambjentali, soċjali u ta' governanza tal-proġetti ta' investiment kollha; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel il-Qafas ta' Ġestjoni tar-Riżultati tal-EFSD+ aċċessibbli sabiex tiffaċilita l-iskrutinju bil-siebi li jsir progress lejn finanzjament għall-iżvilupp aktar responsabbli;

#### ***It-triq 'il quddiem***

35. Jitlob li l-MTE tintuża kemm jista' jkun sabiex jiġi aġġornat l-Istrument jew l-atti delegati tiegħu dwar oqsma prijoritarji u sabiex tiġi vvalutata mill-ġdid il-validità tal-MIPs ġeografiċi u tematiċi, inklużi kundizzjonijiet aktar prominenti relatati mal-konformità mad-dritt internazzjonali, l-allinjament mal-politika barranija tal-UE u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' sospensjoni assoċjat, bħala l-aħħar alternattiva, meta l-politika barranija ta' pajjiż benefiċjarju tal-Istrument tvarja kompletament mill-politika barranija tal-UE; jisħaq fuq l-importanza li tiżdied il-viżibbiltà tal-azzjonijiet tal-UE, b'mod partikolari għall-isforzi ta' kooperazzjoni għall-iżvilupp; jitlob għalhekk li s-SEAE u d-delegazzjonijiet tal-UE jiġu mgħammra bl-għodod meħtieġa biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni strateġika tagħhom biex jispjegaw aħjar l-azzjonijiet tal-UE lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet u lill-pubbliku ġenerali f'pajjiżi terzi, u biex jiġġieldu d-diżinformazzjoni; jitlob li l-UE topponi kwalunkwe appoġġ lill-istati aggressuri u l-politiki tagħhom, b'mod partikolari l-Federazzjoni Russa fil-gwerra ta' aggressjoni tagħha kontra l-Ukrajna;
36. Jisħaq li l-MTE għandha tkun akkumpanjata mill-bidliet leġiżlattivi meħtieġa għall-Istrument u għall-IPA III sabiex ir-regolamenti rilevanti jirriflettu l-istatus il-ġdid tal-Ukrajna u tal-Moldova bħala pajjiżi kandidati tal-UE, u permezz ta' att delegat ġdid li jistabbilixxi l-oġġettivi speċifiċi u l-oqsma prijoritarji ta' kooperazzjoni għal kull reġjun; jisħaq fuq l-importanza li jiġi pprovdut finanzjament, permezz tad-DFIs u l-BEI, li jkollu fil-mira l-aċċess għal materja prima kritika u azzjonijiet relatati dwar il-ħiliet, l-infrastruttura u l-qafas regolatorju f'konformità mal-istandards ambjentali u soċjali tal-BEI, bħala parti mill-ippjanar kondiviż mill-UE u s-sħab tagħha biex jiġu żviluppati

enerġiji rinnovabbli fil-kuntest tal-kisba tal-SDGs;

37. Iqis li l-isfidi ġeopolitiċi li ħarġu mill-gwerra ta' aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-influwenza malizzjuża u l-assertività dejjem akbar tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina jirrikjedu li l-baġit tal-Istrument jżied b'mod konsiderevoli; jenfasizza li l-isfidi huma mifruxa madwar id-dinja kollha, li jfisser li l-UE jeħtiġilha żżid l-influwenza ġeopolitika tagħha filwaqt li tibqa' timpenja ruħha għall-valuri u l-prinċipji tagħha; jišhaq li se jkun possibbli li dawn l-isfidi jiġu indirizzati b'mod ibbilanċjat biss jekk il-proporzjon tal-allokkazzjonijiet għal kull qasam tal-Istrument jinżamm l-istess; jesprimi tħassib li l-UE qed titlef l-influwenza u l-viżibbiltà minħabba offerti alternattivi magħmula miċ-Ċina u r-Russja; iħeġġeġ lill-UE tirrispondi għall-aspettattivi tal-pajjiżi sħab u twettaq malajr il-ftehimiet politiċi li saru magħhom, bħall-Ftehim Post-Cotonou, biex issaħħaħ l-istatus tagħha bħala alleat affidabbli fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp u turi li s-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli tista' tilqa' l-isfidi kontemporanji;
38. Jinsisti li l-Parlament huwa parti mit-Tim Ewropa u għandu jiġi ttrattat bħala tali, u għalhekk jistenna informazzjoni aktar frekwenti, dettaljata u sinifikattiva dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument, inkluż il-lista tal-investimenti tal-BEI li jinvolvu l-fondi tal-Istrument;
39. Jinnota li l-proġetti pilota u l-azzjonijiet preparatorji huma inizjattivi ġodda li jistgħu jinbidlu fi programmi ta' finanzjament tal-UE jekk jirriżulta li jkunu ta' suċċess; jissottolinja li dawn huma opportunità għall-Parlament biex jintroduċi programmi li kieku ma kinux jiġu ffinanzjati; jenfasizza li l-Istrument, meta interpretat b'mod wiesa', teoretikament jikkostitwixxi bażi legali għall-inizjattivi kollha, u b'hekk jipprevjeni l-eliġibbiltà u jagħmel l-inizjattivi *de facto* tal-Parlament Ewropew impossibbli; jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva li tippermetti lill-Parlament jipproponi proġetti pilota u azzjonijiet preparatorji bil-kundizzjoni li d-delegazzjonijiet tal-UE jqisu l-proposti utli u li jipprovdu benefiċċji addizzjonali, peress li kieku ma kinux jiġu ffinanzjati fil-prattika;
  - 
  - ◦
40. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni/Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Kunsill, lill-Bank Ewropew tal-Investment u lil istituzzjonijiet Ewropej rilevanti oħra għall-iżvilupp finanzjarju.

**ANNEX: LISTA TA' ENTITAJIET JEW PERSUNI  
LI R-RAPPORTEURS IRĊEVEW KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Skont l-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteurs jiddikjaraw li rċeview kontribut mingħand l-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

<b>Entità u/jew persuna</b>
Il-Kummissjoni Ewropea: DG NEAR, DG INTPA, FPI
SEAE
Is-Salib l-Aħmar - Uffiċċju tal-UE
Save the Children Europe
UNICEF
IDEA Internazzjonali
Il-Bank Ewropew tal-Investment
Il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp
Iċ-Ċentru Ewropew għall-Immaniġġjar tal-Politika għall-Iżvilupp

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteurs.

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-BAĠITS

għall-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u l-Kumitat għall-Iżvilupp

dwar l-implimentazzjoni tal-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali (2023/2029(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Eider Gardiazabal Rubial

### SUĖĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Baġits jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Barranin u lill-Kumitat għall-Iżvilupp, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw is-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

1. Ifakkar fil-pożizzjoni li ilu żmien twil iħaddan, li l-limitu massimu tal-Intestatura 6 mhux biżżejjed biex jippermetti lill-Unjoni tilħaq l-ambizzjonijiet tagħha fix-xena dinjija, billi l-kompiti ewlenin ta' kooperazzjoni internazzjonali tal-programm jiġu kkombinati mar-rispons għall-kriżi u inizjattivi ġodda; jinnota li l-pakkett diġà strett għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI), u b'mod partikolari, l-allokazzjoni għar-riżerva, ġie estiż sal-limiti tiegħu, kif muri mill-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi rivedut il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP); jisħaq b'mod partikolari fuq il-bżonn li l-baġit tal-UE jagħti kontribut tanġibbli għar-rikostruzzjoni tal-Ukrajna u għall-isfidi globali l-aktar impenjattivi; jinnota li l-baġit tal-UE huwa l-uniku garanti għall-attività tal-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) barra mill-UE; jappella, għalhekk, għal garanziji addizzjonali għall-BEI, inkluż għal strumenti ta' taħlit, biex ikun hemm impenn akbar tal-BEI fl-Ukrajna, bl-involviment tal-partijiet ikkonċernati lokali u tal-UE; jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni għal revizzjoni tal-QFP b'finanzjament addizzjonali għall-Intestatura 6, peress li l-ipprogrammar finanzjarja kurrenti mhijiex biżżejjed għall-NDICI, u għandu jirrefletti aħjar l-ambizzjonijiet ġeopolitiċi tal-Unjoni Ewropea u l-impenji globali tagħha;
2. Jinnota li l-ipprogrammar finanzjarju tal-Intestatura 6 ġie furnut minn qabel għall-QFP kurrenti, li jammonta għal EUR 17-il biljun għas-sena kurrenti, u se jitnaqqas għal EUR 14,6 biljun għall-2026; jinnota li, flimkien mal-impatt negattiv kbir taż-żieda qawwija kurrenti fir-rati tal-inflazzjoni, dan se jkompli jaffettwa l-kapaċità tal-baġit tal-UE li jwettaq l-azzjoni esterna tal-UE fis-snin li ġejjin; jieħu nota tal-fondi addizzjonali proposti mill-Kummissjoni għall-Intestatura 6, li minnhom EUR 9,5 biljun jiġu allokati għar-rispons għad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, inklużi l-isfidi esterni, EUR 3 biljun għar-riżerva tal-NDICI u EUR 2,5 biljun għar-Riżerva ta' Solidarjetà u Għajnuna ta' Emerġenza (SEAR);



3. Jistieden lill-Kummissjoni tisfrutta r-reviżjoni tal-QFP biex tipperfezzjona n-nomenklatura tal-NDICI – Ewropa Globali sabiex tippermetti lill-awtorità baġitarja teżerçita s-setgħat ta' skrutinju tagħha, partikolarment fir-rigward tal-linji baġitarji relatati mal-viċinat, sabiex tissaħħaħ it-trasparenza bil-għan li tinkiseb politika mmexxija mid-data, li tista' tiġi awditjata fir-rigward tal-oġġettivi tagħha u biex jiġi rifuess aħjar l-approçç strateġiku u jittejjeb l-ipprogrammar fit-tul;
4. Jissottolinja li l-UE għandha tappoġġja lill-organizzazzjonijiet tas-soçjetà ċivili sabiex il-valuri, l-interessi u l-oġġettivi tal-Unjoni jintlaħqu; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-appoġġ mill-programm tematiku għall-organizzazzjonijiet tas-soçjetà ċivili se jtnaqqas għall-perjodu li fadal;
5. Jirrikonoxxi l-importanza tal-azzjonijiet konġunti meħuda mill-UE u mill-Istati Membri fil-kooperazzjoni għall-iżvilupp, u l-ħtieġa ta' approçç komuni għall-isfidi globali; jissottolinja li l-UE u l-Istati Membri għandhom isaħħu l-iskambju ta' informazzjoni tagħhom u jinvolvu aktar lill-partijiet ikkonċernati mill-Istati Membri kollha;
6. Jirrikonoxxi li l-NDICI jbati minn nuqqas ta' viżibbiltà u pubbliċità; iqis li l-NDICI għandu jiġi spjegat aħjar lill-pubbliku, inkluż billi jissaħħu t-trasparenza u l-pubbliċità tal-proġetti appoġġjati mill-NDICI – Ewropa Globali;
7. Jisħaq li l-UE għandha relazzjonijiet kooperattivi ma' għadd kbir ta' pajjiżi u jfakkar li l-istrumenti ta' finanzjament estern tal-UE għandhom jipprovdu kontribut deçiziv biex jintlaħqu l-impenji u l-oġġettivi internazzjonali tal-UE, b'mod partikolari l-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha u l-Ftehim ta' Pariġi; jinnota li l-UE reçentement approvat impenji internazzjonali ġodda, bħat-telf u l-ħsara kkawżati mit-tibdil fil-klima fil-Konferenza tan-NU tal-2022 dwar it-Tibdil fil-Klima (COP27); ifakkar fil-pożizzjoni stabbilita tal-Parlament li prijoritajiet ġodda għandhom jiġu ffinanzjati b'riżorsi addizzjonali;
8. Ifakkar li l-Kummissjoni jeħtiġilha ttrirrispetta l-miri orizzontali kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/947<sup>1</sup>, u l-Artikolu 16 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar id-dixxiplina baġitarja<sup>2</sup>; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija biex jiġu rispettati l-miri orizzontali u biex jingħalqu l-lakuni eżistenti; jiddispaçjaħ dwar il-fatt li, għall-2021, is-sehem tal-ammont impenjat li jikkontribwixxi għall-mira tal-migrazzjoni u tal-ispostament furzat kien 14 % – li jaqbeż bil-kbir il-mira ta' 10 %, u li s-sehem tal-ammonti impenjati li jikkontribwixxu għall-oġġettivi klimatiçi kien 18,5 % – ferm inqas mill-mira ta' 30 %; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tipprovdi ċifri dettaljati dwar l-implimentazzjoni tal-oġġettivi orizzontali u l-programmazzjoni għall-perjodu li fadal, b'mod partikolari dwar il-klima u l-migrazzjoni, il-bijodiversità u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri;
9. Jinnota li mill-inqas 85 % tal-azzjonijiet ġodda implimentati fl-ambitu tal-NDICI

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deçizjoni Nru 466/2014/UE u jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1).

<sup>2</sup> Il-Ftehim Interistituzzjonali tat-16 ta' Diçembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28).

għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri bħala l-oġettiv prinċipali jew sinifikanti u li mill-inqas 5 % ta' dawk l-azzjonijiet għandu jkollhom l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-emanċipazzjoni u d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet bħala l-oġettiv prinċipali;

10. Jiddispjaċih li l-użu min-naħa tal-Kummissjoni tar-riżerva tal-isfidi u l-prijoritajiet emerġenti ma jirrispettax l-ispirtu tal-Artikolu 17 tar-Regolament, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament tal-inizjattivi leġiżlattivi l-ġodda; jiddispjaċih dwar il-preallokazzjoni ta' 60 % tal-fondi ddestinati għar-riżerva li fadal, mingħajr ma ġew ikkunsidrati l-bżonnijiet antiċipati futuri li għadhom ma tqisux, bħall-pakkett għar-rifuġjati Sirjani; jitlob lill-Kummissjoni tinforma fid-dettall lill-Parlament qabel kull mobilizzazzjoni tal-fondi relatati mar-riżerva u tqis l-osservazzjonijiet tiegħu, f'konformità mal-Premessa 71 tar-Regolament;
11. Jilqa' l-istrument ta' assistenza makrofinanzjarja (AMF) reċenti adottat biex jingħata appoġġ lil diversi pajjiżi, b'mod partikolari lill-Ukrajna, biex jiġu ffaċċjati l-konsegwenzi tal-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna; jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' informazzjoni mogħtija lill-awtoritajiet baġitarji dwar il-ġestjoni tal-finanzjament tal-kostijiet tal-imgħax tal-AMF; jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-finanzjament attwali tal-kostijiet tal-imgħax tal-AMF, permezz tal-mobilizzazzjoni tar-riżerva tal-NDICI, aktar milli permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda, jirriskja li jeżawrixi l-biċċa l-kbira tar-riżerva tal-NDICI, jekk mhux kollha, għall-perjodu li jifdal, filwaqt li jħalli lill-NDICI mingħajr il-kapaċità li jirreaġixxi għal sfidi mhux previsti; jissottolinja, għalhekk, il-ħtieġa li jinstabu soluzzjonijiet ta' finanzjament sostenibbli fit-tul, filwaqt li tiġi ppreservata l-kapaċità li nlaħħqu mal-isfidi futuri;
12. Jiddispjaċih dwar in-nuqqas ta' ċarezza dwar il-finanzjament tal-istrateġija Global Gateway il-ġdida u jfakkar li tali inizjattivi ġodda għandhom jiġu ffinanzjati permezz ta' approprjazzjonijiet ġodda u tar-reviżjoni 'l fuq tal-limitu massimu tal-Intestatura 6;
13. Jistieden lill-Kummissjoni ssaħħaħ il-monitoraġġ tal-istabbiltà tal-qafas ta' investiment previst mill-NDICI (il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli Plus u l-Garanzija għall-Azzjoni Esterna) fid-dawl tan-nuqqas ta' stabbiltà ġeopolitika u ekonomika kurrenti u biex jiġi żgurat li l-iskop tiegħu jinżamm kif previst fir-Regolament; jistieden lill-Kummissjoni tipprovdi lill-awtorità baġitarja b'aġġornamenti trimestrali, inkluż dwar l-użu u l-ammonti ta' garanziji baġitarji, flimkien mal-proviżjonament stmat u l-previżjonijiet futuri, is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tal-miri tal-klima u tal-bijodiversità, u l-kontribut tal-NDICI għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
14. Jilqa' l-istatus il-ġdid ta' pajjiż kandidat għall-Ukrajna u l-Moldova; jinnota li ż-żewġ pajjiżi se jeħtieġu aktar assistenza finanzjarja u teknika biex iħejju għall-adeżjoni, isaħħu r-reżiljenza tal-pajjiż u jipprevjenu u jiġġieldu t-theddid ibridu; jinnota l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi strument ġdid ta' appoġġ finanzjarju, il-Faċilità għall-Ukrajna, u jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposti biex tinkludi lill-Ukrajna u lill-Moldova fil-lista ta' benefiċjarji tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA III), ħaġa li tnaqqas il-pessjoni fuq l-NDICI; huwa tal-fehma li l-garanziji baġitarji mogħtija mill-NDICI għall-AMF+ lill-Ukrajna għandhom jiċċaqilqu 'l fuq mill-limitu massimu, fid-dawl tan-natura tan-nefqa;

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Artikolu 58 – Proċedura b’kumitati konġunti</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.3.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	19.7.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 35 –: 5 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Rasmus Andresen, Olivier Chastel, David Cormand, Katalin Cseh, Andor Deli, Pascal Durand, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Vlad Gheorghe, Eero Heinäluoma, Monika Hohlmeier, Joachim Kuhs, Pierre Larrouturou, Camilla Laureti, Janusz Lewandowski, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Victor Negrescu, Andrey Novakov, Dimitrios Papadimoulis, Bogdan Rzońca, Eleni Stavrou, Nils Ušakovs, Rainer Wieland
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Anna-Michelle Asimakopoulou, Elisabetta Gualmini, Francisco Guerreiro, Fabienne Keller, Eric Minardi, Jan Olbrycht, Younous Omarjee, Eva Maria Poptcheva, Roberts Zīle
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Nicolas Bay, Carlos Coelho, France Jamet, Zbigniew Kuźmiuk, Anne Sander, Salima Yenbou

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

35	+
ECR	Zbigniew Kuźmiuk, Bogdan Rzońca, Roberts Zīle
PPE	Anna-Michelle Asimakopoulou, Carlos Coelho, José Manuel Fernandes, Monika Hohlmeier, Janusz Lewandowski, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Anne Sander, Eleni Stavrou, Rainer Wieland
Renew	Olivier Chastel, Katalin Cseh, Vlad Gheorghe, Fabienne Keller, Eva Maria Poptcheva, Salima Yenbou
S&D	Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Elisabetta Gualmini, Eero Heinäluoma, Pierre Larrourou, Camilla Laureti, Margarida Marques, Victor Negrescu, Nils Ušakovs
The Left	Younous Omarjee, Dimitrios Papadimoulis
Verts/ALE	Rasmus Andresen, David Cormand, Alexandra Geese, Francisco Guerreiro

5	-
ID	France Jamet, Joachim Kuhs, Eric Minardi
NI	Nicolas Bay, Andor Deli

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>Artikolu 58 – Proċedura b’kumitati konġunti</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	16.3.2023
<b>Data tal-adozzjoni</b>	16.11.2023
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 53 –: 8 0: 5
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Alexander Alexandrov Yordanov, François Alfonsi, Barry Andrews, Maria Arena, Petras Auštrevičius, Anna Bonfrisco, Mercedes Bresso, Udo Bullmann, Reinhard Bütikofer, Susanna Ceccardi, Włodzimierz Cimoszewicz, Antoni Comín i Oliveres, Ryszard Czarnecki, Anna Fotyga, Giorgos Georgiou, Raphaël Glucksmann, Charles Goerens, Mónica Silvana González, Márton Gyöngyösi, Pierrette Herzberger-Fofana, Andrius Kubilius, Ilhan Kyuchyuk, Antonio López-Istúriz White, Jaak Madison, Thierry Mariani, Erik Marquardt, Marisa Matias, David McAllister, Vangelis Meimarakis, Sven Mikser, Francisco José Millán Mon, Alessandra Moretti, Kostas Papadakis, Tonino Picula, Isabel Santos, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik, Dominik Tarczyński, Tomas Tobé, Hilde Vautmans, Charlie Weimers, Isabel Wiseler-Lima
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Dacian Cioloș, Georgios Kyrtos, Gabriel Mato, Marlene Mortler, Juozas Olekas, Pina Picierno, María Soraya Rodríguez Ramos, Mick Wallace, Elena Yoncheva
<b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Helmut Geuking, Eero Heinäluoma, Niclas Herbst, France Jamet, Maria-Manuel Leitão-Marques, Aušra Maldeikienė, Dan-Ștefan Motreanu, Thomas Rudner, Paul Tang, Eugen Tomac, Lucia Vuolo, Juan Ignacio Zoido Álvarez

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

<b>53</b>	<b>+</b>
NI	Antoni Comín i Oliveres, Márton Gyöngyösi
PPE	Alexander Alexandrov Yordanov, Karolin Braunsberger-Reinhold, Lena Düpont, Helmut Geuking, Niclas Herbst, Andrius Kubilius, Antonio López-Istúriz White, David McAllister, Aušra Maldeikienė, Gabriel Mato, Vangelis Meimarakis, Francisco José Millán Mon, Marlene Mortler, Dan-Ştefan Motreanu, Tomas Tobé, Eugen Tomac, Lucia Vuolo, Isabel Wiseler-Lima, Juan Ignacio Zoido Álvarez
Renew	Barry Andrews, Petras Auštrevičius, Dacian Cioloş, Charles Goerens, Georgios Kyrtos, Ilhan Kyuchyuk, María Soraya Rodríguez Ramos, Hilde Vautmans
S&D	Maria Arena, Mercedes Bresso, Udo Bullmann, Włodzimierz Cimoszewicz, Raphaël Glucksmann, Mónica Silvana González, Eero Heinäluoma, Maria-Manuel Leitão-Marques, Sven Mikser, Alessandra Moretti, Juozas Olekas, Pina Picierno, Tonino Picula, Thomas Rudner, Isabel Santos, Paul Tang, Elena Yoncheva
Verts/ALE	François Alfonsi, Reinhard Bütikofer, Pierrette Herzberger-Fofana, Erik Marquardt, Mounir Satouri, Jordi Solé, Tineke Strik

<b>8</b>	<b>-</b>
ECR	Ryszard Czarnecki, Charlie Weimers
ID	France Jamet, Thierry Mariani
NI	Kostas Papadakis
The Left	Giorgos Georgiou, Marisa Matias, Mick Wallace

<b>5</b>	<b>0</b>
ECR	Anna Fotyga, Dominik Tarczyński
ID	Anna Bonfrisco, Susanna Ceccardi, Jaak Madison

Tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni